MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1543/2001/1

**Diane Lia**

**vs**

**Dr Tonio Azzopardi u l-PL Liliana Buhagiar li b'digriet tal-11 ta' Ottubru 2001 gew nominati bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Mohammed Melikechi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu b'mod civili fit-18 ta' Settembru 1997 fir-Registru Pubbliku, Valletta skond l-anness certifikat taz-zwieg hawn immarkat bhala Dokument A.

Illi l-kunsens tal-kontendenti huwa vvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika, serja li taghmilha mpossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg.

Illi l-kunsens ta' l-attur inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan stante illi l-konvenut ried jakkwista biss residenza tieghu Malta w eventwalment ic-cittadinanza Maltija.

Illi dan iz-zwieg ma seta' qatt jeffetwa ruhu minhabba illi l-konvenut ma kienx u ma riedx jahdem u lanqas kellu dar tar-residenza ghalih u ghall-martu biex b'hekk l-istabbilita' fil-hajja mizzewga kienet totalment nieqsa kif ukoll baqa‘ jghix hajja bla kont u bla razan, kif ukoll f’abbuzi ohra mhux leciti li jivvizjaw il-kunsens taz-zwieg.

Illi l-attrici fiz-zmien taz-zwieg taghhom kienet tqila b'tarbija ta' persuna ohra mhux l-attur.

Illi l-kontendenti sseparaw *ad mensa et thoro* skond kuntratt tat-13 ta' April 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Nathalie Pace Asciak hawn anness u mmarkat dokument B.

Illi l-kontendenti ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg is-setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi l-istess attrici ghalhekk tablet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1) Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet celebrat fir-Registru Pubbliku Valletta fit-18 ta' Settembru 1997 skond l-anness certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dokument “A” huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi a tenur tal-Att taz-Zwieg (Kap 255) tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, l-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 9 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-11 t'Ottubru 2001 (fol 10 sa 21) fejn Dr Tonio Azzopardi u l-PL Liliana Buhagiar gew nominati bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenut assenti Mohammed Melikechi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati tal-14 ta' Jannar 2002 a fol 24 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti u qeghdin jirrizervaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xhieda u document esebit a fol 25 u 26 tal-process.

Rat il-verbali tas-6 ta' Frar 2002, tat-23 t'April 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippressjeduta w inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet ta' 50 jum kull wiehed u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghad-9 t'Ottubru 2002.

Rat in-nota tal-attrici tal-11 ta' Settembru 2002 fejn esebiet l-affidavit taghha stess (fol 31 sa 35).

Rat il-verbal tad-9 t'Ottubru 2002 fejn il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-prezentata tal-affidavits attrici bi 30 jum u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu 2003.

Rat in-nota tal-attrici tat-22 ta' Ottubru 2002 fejn gie esebit l-affidavit ta' Lourdes Farrugia xebba Lia (Dok DL3).

Rat in-nota tal-attrici tal-1 ta' Novembru 2002 fejn gie esebiet l-affidavit ta' Nancy Lia (Dok DL4).

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi fic-citazzjoni pprezentata minnha, l-attrici qed titlob li z-zwieg li gie celebrat bejnha u bejn il-konvenut jigi dikjarat null u bla effett, billi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u peress li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan kif previst fl-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, u billi l-kunsens tal-attrici nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, kif previst fl-**artikolu 19(1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

**"Artikolu 19 (1)** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg sub-incizi separatament,

u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid iIli z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta` l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju **"***supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"*.

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …".*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard in "*****l'immaturite" et le consentement matrimonial*"*** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti*:*-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders*

*to the 'ius in corpus' and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002); **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*“Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta’ definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma “the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”.* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f)** dan jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*“colorem habens, substantiam vero nullam”)* kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi *“eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu”*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **“Bonnici vs Bonnici”** (P.A. 30 ta’ Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*“finis operis”* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta’ parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **“Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine”.*** (P.A. 22 ta’ Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x’inhu zwieg jew inkella xort’ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta’ simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **“Galea vs Walshi”** (P.A. 30 ta’ Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *“meta l-atti, gesti jew*

*kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata”.* Illi fis-sentenza **“Muscat vs Borg Grech”** (P.A.14 ta’ Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta’ simulazzjoni b’dawn il-kliem:-

*“Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b’att pozittiv tal-volonta’ tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu”.*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **“Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et”,** (K. 1 ta’ Ottubru 1884 - Vol. X, p. 912):-

*“a poter dedursi la invalidita dell’atto e’ necessario che risulti chiaro, che cio’ che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe’ ‘fictio seu ostensio falsi pro vero’.*

Illi nfatti meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero’ bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe’, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, u cjoe’ saret simulazzjoni parzjali.

Illi *inoltre* fis-sentenza **“Theresa Taguri nee Spiteri vs Av.Christopher Cilia et noe”** (Cit.Nru: 3130/96/NA – 10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”.*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li dan kien zwieg ta’ konvenjenza stante li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’nuqqas ta’ deskrizzjoni dwar il-hajja mizzewga u dan peress li l-intenzjoni unika tieghu kienet biss li huwa jkun jista’ jgedded il-*visa* tieghu f’Malta u jakkwista l-*freedom of movement* u jekk ikun il-kaz ic-cittadinanza Maltija.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-18 ta’ Settembru 1997 u kienu ltaqghu biss f’Awissu 1997, u ghalhekk f’temp ta’ cirka xahar sar iz-zwieg ta’ malajr u dan meta f’dak iz-zmien *ad insaputa* tal-istess attrici kien irrizulta li l-*visa* tal-konvenut kienet tghalaq fit-30 ta’ Settembru 1997, u cioe` 12-il gurnata biss wara d-data taz-zwieg imsemmija.

Illi fil-fatt jidher li l-konvenut laghab il-parti sew u ghamel diversi weghdiet lill-attrici, ghalkemm fl-opinjoni tal-Qorti u kif jirrizulta mill-provi, dan kien kollox simulat, kif jissemma aktar il-quddiem fil-konsiderazzjoni tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255**, u dan peress li l-konvenut kellu biss intenzjoni wahda f’mohhu u cioe` li jizzewweg malajr biex il-*visa* ma tilhaqx tiskadi, ghan li fil-fatt lahqu.

Illi ghamel x’ghamel il-konvenut qabel iz-zwieg, sabiex jikkonvinci lill-attrici sabiex tizzewgu, dik l-ghagla kollha xorta jibqa’ l-fatt li l-attrici ma setghetx ma tindunax li kien hemm xi haga hazina f’dan il-komportament kollu, u dan huwa kkorroborat mill-fatt li familjari tal-attrici, nkluzi ohtha Lourdes Farrugia w ommha Nancy Lia, mill-ewwel qalulha li dan il-kaz ta’ zwieg u l-komportament tal-konvenut ma setghux kienu genwini.

Illi pero` l-attrici ma tat kaz xejn ta’ dan, anke minhabba l-fatt li jirrizulta wkoll li l-azzjoni taghha nbdiet mal-konvenut wara li kienet appena harget minn relazzjoni ta’ erba’ snin ma persuna ohra Maltija, u li kienet harget tqila minnu, tant li meta ltaqghet mal-konvenut hija diga kellha tmien xhur tqala. Fil-fatt jinghad li fil-kuntratt ta’ separazzjoni li sar bejn il-partijiet fit-13 t’April 1999, tali minuri li twieldet fiz-zwieg hija ndikata li m’hijiex wild tal-istess konvenut, u l-Qorti hija konvinta minn kif graw l-affarijiet li kien

konvenjenti wkoll ghall-attrici li tizzewweg u b'hekk il-minuri titwieled fiz-zwieg, u kien ghalhekk li l-insistenza tal-konvenut sabiex jizzewwigha malajr irnexxiet mal-attrici.

Illi ghalkemm id-dikjarazzjoni ta' nullita` tirreferi ghall-mument taz-zwieg, u dak li jigri qabel iz-zwieg huwa ta' rilevanza partikolari, pero` f'diversi kazi dak li jigri wara l-istess celebrazzjoni huwa sinifikattiv ukoll, ghaliex tikxef l-intenzjoni vera tal-parti li tkun dahlet f'dan l-istitut. Dan huwa proprju kaz t'hekk, ghaliex appena zzewweg, u ghalhekk il-konvenut ha dak li ried ghall-iskopijiet tieghu, huwa biddel l-attitudini ghal kollox versu l-attrici, fejn kien ghal kollox jinjoraha, jimmaltrattaha w anke uza l-vjolenza fuqha peress li kien isostni li skond il-kultura tieghu (huwa kien Algerin) il-mara jaghmel biha li jrid, u dan apparti li qatt ma mantniha, kien jirrifjuta li jkollu x'jaqsam maghha, u kien jghix hajja ta' guvni fejn jidhol u johrog x'hin irid mid-dar u mhux eskluz, anzi huwa wisq probbabli li kellu relazzjonijiet ma nisa ohra. Dan juri bic-car li l-konvenut qatt ma kellu l-kunsens necessarju sabiex jersaq ghal dan iz-zwieg.

Illi dawn l-istess fatti kif esposti mill-attrici permezz tax-xhieda prodotta juru wkoll bic-car li jezistu wkoll il-premessi necessarji sabiex it-talba attrici tigi milqugha anke abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255**, u dan peress li l-kunsens tal-konvenut f'dan il-kaz eskluda *a priori* kull element essenzjali taz-zwieg kif nafuh f'dan il-pajjiz, sew jekk religjuz sew jekk civili, u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi anke ta' dan l-artikolu.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Mary el Metwaly vs Adil Ibrahim el Metwaly**" (P.A. (RCP) 24 t'Ottubru 2002 – Cit Nru: 1820/96/RCP) fejn jidher li l-konkluzjoni hemm raggunta tapplika wkoll ghal dan il-kaz:

*"Illi kwindi hu ovvju li l-uniku hsieb tal-konvenut meta zzewweg civilment lill-attrici kien li jizzewwigha biex jottjeni l-iskop tieghu cjoe' c-cittadinanza u l-passaport. Barra minn dan hu anke evidenti li hu ma assuma ebda obbligazzjoni jew responsabilita' ta' ragel mizzewweg.*

*B'hekk bla ebda dubju l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat ai termini ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255**."*

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati inwkantu l-istess huma nkompatibbli ma dak fuq premess u hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1) Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet celebrat fir-Registru Pubbliku Valletta fit-18 ta' Settembru 1997 huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi a tenur tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) Att taz-Zwieg (Kap 255) tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

BI-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet b'dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------